MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

## MAGISTRAT DR.
## MALLIA MICHAEL LL.D.

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 565/2002

**HSBC Bank Malta p.l.c. gia Mid Med Bank p.l.c.**
**gia Mid Med Bank Limited**

**vs**

**Simon Baldacchino Barthet sive Simon Baldacchino**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tal-bank attur ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma globali ta' elfejn, tliet mija u tlieta u hamsin lira Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm2,353.57) u cioe' kwantu ghal Lm132.76 (mija u tnejn u tletin lira Maltin u sitta u sebghin centezmu) rapprezentanti bilanc migbud fuq kont kurrenti li jgib in-Nru. 075-058917-001 mal-fergha ta' l-HSBC Bank Malta p.l.c. flimkien ma' Lm2.62 (zewg liri Maltin u tnejn u sittin centezmu) nteressi bit-tmienja (8%) fil-mija mit-30 ta' April, 2002, sal-31 ta' Lulju, 2002, u kwantu ghall-elfejn, mija u tlieta u disghin lira Maltin u tmienja u tmenin

centezmu (Lm2,193.88) rapprezentanti bilanc mghoddi lill-konvenut permezz ta' loan account li jgib in-Nru. 075-058917-300 mal-fergha tal-HSBC Bank Malta p.l.c. flimkien ma sitta u ghoxrin lira Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm26.93) nteressi bit-tmienja fil-mija (8%) sabiex b'kollox jaghmlu s-somma globali ta' Lm2,353.57 aktar il-fuq indikata u dan skond zewg statements of account annessi u mmarkati Dok A u B oltre imghaxijet ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez u bl-imghax bit-tmienja fil-mija (8%) sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tal-bank attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-13 ta' Novembru, 2002, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Anthony Zammit
Dep Reg.